MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 24/2010

**Nicholas u Maria Assunta konjugi Cassar**

**vs**

**Louis Bezzina (ID 753062M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tal-konjugi Cassar:

Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-mahzen bl-isem ta' 'Sander', fi Triq K. Darmanin gewwa l-Hamrun u huma jikru lill-intimat dan l-istess mahzen versu l-kera ta' mija u sittaxil-Euro u seba u erbghin Euro centezmu (E116.47c) illi jithallas kull sitt (6) xhur bil-quddiem

Illi l-intimat baqa' moruz fil-pagamenti ta' zewg skadenzi ta' kera, u dan anke wara li hu gie debitament interpellat tramite ittra ufficjali ghal kull skadenza, entrambi datati l-

10 ta’ Novembru 2009 u lilu t-tnejn direttament notifikati fl-14 ta’ Novembru 2009;

Illi sal-gurnata odjerna dawn iz-zewg skadenzi tal-kera ghadhom mhux imhallsa mill-intimat, la direttament lis-sid u lanqas indirettament billi gew iddepozitati taht l-awtorita’ gudizzjarja, u ghaldaqstant tiskatta l-operattivita’ ta’ l-artikolu 9 (a) (i) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi sa fejn jafu r-rikorrenti, l-intimat ma’ ghandux difiza x’jaghti kontra l-odjerna talba u ghalhekk huwa l-kaz li dan il-Bord jghaddi sabiex jiddeciedi l-kawza prezenti b’mod sommarju ai termini tal-artikolu 16A tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan il-Bord joghgbu:

- Fl-ewwel lok, jisma’ u jiddeciedi din il-vertenza bid-dispensa tas-smiegh in virtu’ tal-artikolu 16A tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement;
- Fit-tieni lok – prevja, okkorendo, l-hall tat-titolu lokatizzju – in-virtu’ ta’ l-Artikolu 8 (1) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta, jaghti l-permess u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-mahzen bl-isem ‘Sander’, fi Triq K. Darmanin gewwa l-Hamrun, minghand l-intimat stante li l-morozita’ fil-hlas ta’ zewg skadenzi ta’ kera da parti tal-intimat ai termini tal-artikolu 9 (a) (i) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Fi-tielet u l-ahhar lok, jipprefiggi terminu qasir u perentorju, illi fih l-intimat ghandu jivvaka u jizgombra mill-prorprjeta msemmija

Bl-ispejjes tal-prezenti proceduri u dawk ta’ l-ittra ufficjali datati 21 t’Ottubru 2009 (nru 5695/2009), 10 ta’ Novembru 2009 (nru. 6134/2009), u 10 ta’ Novembru 2009 (nru 6135/2009) kontra l-intimat, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni, u b’riserva a favur tar-rikorrenti, u /jew aventi kawza minnhom, ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spetanti lilhjom skond il-ligi kontra l-intimat;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh, kif ukoll illi l-istess intimat kien debitament prezenti u assistit meta ssejhet il-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2010, fejn il-Bord, wara li semgha lill-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat tar-rikorrenti u l-affidavit ta' Dione Cassar u d-dokumenti hemm akkluzi kompriz id-Dok X2 li hija ittra interpellatorja tas-27 ta'Frar 2009 ghall-hlas tal-arretrati tal-kera 1 t'Ottubru 2008 sal-31 ta' Marzu 2009;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talba tar-rikorrenti  kif dedotta fir-rikors guramentat u jiddikjara xolt t-titolu ta' lokazzjoni jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-mahzen bl-isem 'Sander', fi Triq K. Darmanin gewwa l-Hamrun, minghand l-intimat fi zmien xahar (i) mil-lum waqt liema zmien l-itnimat ghandu jizgombra u jhalli vakanti l-istess fond;

Bl-ipejjez kontra l-intimat komprizi dawk indikati fir-rikors promutur;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------